



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 21 ta' Novembru 2010 (22.11)
(OR. en)**

17090/11

LIMITE

FISC 147

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali

lil: Coreper

Suġġett: Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)
- Rapport tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta lill-Kunsill
- Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Novembru 2011 il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) qabel dwar ir-rapport tiegħu lill-Kunsill (ECOFIN) kif jinsab fid-dok. 17081/11 FISC 144 u l-Pakkett ta' Hídma tal-2011 kif jinsab fil-Annes għar-rapport tiegħu.
2. Sussegwentement il-President tal-Grupp ippreżenta l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li ġej:

"Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jikqà l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi matul il-Presidenza Pollakka kif immizzel fir-rapport tiegħu (dok. 17081/11 FISC 144);
- jitlob lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u l-implimentazzjoni tal-pass lura (rollback);

- japprova l-Pakkett ta' Ħidma tal-2011 tal-Grupp dwar il-Kodiċi kif inniżżel fl-Anness għad-dok. 17081/11 FISC 144 u jitlob lill-Grupp biex jibda l-ħidma fuq dan il-Pakkett ta' Ħidma matul il-Presidenza Daniża;
- jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli bid-diskussjonijiet mal-pajjiżi terzi kif inniżżel fir-rapport tal-Grupp u biex iżżomm lill-Grupp regolament informat dwar il-progress;]
- jistieden lill-Grupp biex sa tmiem il-Presidenza Daniża jipprovdi lill-Kunsill rapport dwar il-ħidma tiegħu."

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jibgħat ir-rapport (dok. 17081/11 FISC 144) u l-Pakkett ta' Ħidma tal-2011 (Anness għar-Rapport) lill-Kunsill;
- jaqbel mal-abbozz ta' konklużjonijiet imsemmija hawn fuq u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadottahom bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu.
